FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 3 T'APRIL 2001

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
JAMES O'FLAHERTY

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James O'Flaherty ta' 43 sena bin Joseph u Mary nee Guillaumier imwieled B'Kara fis-16 ta' Settembru 1956 u joqghod Ta' l-Indurat, Triq il-Linja, Attard (ID 618856M) talli fl-4 ta' Frar 1999 ghall-habta ta' 8.45am waqt li kien fi Triq Dun Mikiel Scerri Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli bili kkaguna hsara fuq vettura b'numru tar-registrazzjoni HAC 079 tal-ghamla Vauxhall Astra proprjeta ta' Antoine Gambin liema hsara tammonta ghal Lm235.75c.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (fol 13 et seq) jirrizulta illi f'data, lok, u hin citat l-kwerelant Antoine Gambin ghamel rapport l-ghassa tal-

Pulizija, illi aktar kmieni fil-ghodu fit-8.45am waqt li kien hiereg mid-dar kien gie certu James O'Flaherty (hu il-mara tal-kwerelant) ta' daqqa ta' sieq fuq il-bieba l-leminija tal-karozza, kissirlu l-mera b'idu u bil-vettura tieghu l-imputat dahal fuq il-vettura ta' Gambin.

Illi l-pulizija investigat lill-imputat fejn dan qal li kien Gambin li rriversja fuqu meta huwa attenta li jkellmu. Qal li dak il-hin kellu idejh mal-mera u meta Gambin rriversja tqacctet l-istess mera. O'Flaherty kien qal lill-pulizija a tempo vergine illi Gambin kien sahansitra bezaqlu.

In fatti PS907 Zammit li ha r–rapport xhed ( a fol 15 ) illi O'Flaherty kien mar ghand Gambin biex jwiddeb lill-istess Gambin jhalli lil ohtu bi kwieta. Jirrizulta fl-okkorrenza esebita illi Gambin qal lill-pulizija illi l-incident kompla fil-presenza tal-Av. Dr JR Micallef, illum Mhallef, ghaliex Gambin waqaf jkellmu u f'dan il-mument O'Flaherty rega dahal fil-vettura ta' Gambin (ara gol 18).

Il-hsarat li allegatament sofra Gambin jammontaw ghal Lm235.75 kif kkonfermat min Martin Messina af ol 19. Nadia O'Flaherty xhdet li hija ma taf xejn di scienza propria stante li ma kenitx presenti ghall-incident (fol 21).

Illi mix-xhieda ta' Antoine Gambin jghid illi l-imputat kien qed jistennih barra mid-dar tieghu (ta' Gambin) u kif hareg minn daru l-imputat ta daqtejn ta'sieq fuq il-bieba kisser il-mera u hu (Gambin) dahal fil-kar u saq.

Xhed li fil-fatt (fol 27) huwa ma rax lil O'Flaherty jidhol fil-car tieghu izda nduna bid-daqqiet fuq ir-roti ta' wara tal-karozza aktar tard.

Jghid li l-car tieghu ma kellha ebda daqqiet qabel stante li kien "hames minuti qabel kont dhalt d-dar u kont ghalaqt il-bieba tal-hatch back" u ma kienx hemm hsara fiha.

Kkonferma l-istima tal-hsarat li garrab (fol 29).

Mistoqsi jekk dan l-incident sar fil-presenza ta' xi gara, Antoine Gambin jghid (fol 30) li kien ra xi tnejn mill-girien tieghu barra izda dawn dahlu gewwa. Xhed illi jumejn qabel kienet telqet il-mara tieghu mid-dar u hadet t-tifla maghha u li hu kien mar u hadilha l-karozza.

Mistoqsi kienx vera li l-mara tieghu telqet mid-dar ghaliex d-dar kienet mbieghet bis-subbasta l-imputat, wara tlett domandi, jghid li d-dar imbieghet wara jumejn.

In kontro ezami Gambin jghid li ma qabbilx l-hsara tal-car tieghu ma dik ta' O'Flaherty.

Mistoqsi dwar il-car tal-mara tieghu Gambin xehed li kellha tigi ritornata lid-dealer stante li ma setghux jaffordjaw r-repayments. Mistoqsi kienx veru li l-car giet ritornata lid-dealer f'Awissu 1999, waqt li huwa ha il-car minghand martu fi Frar 1999, Gambin jirrispondi "it could be" (fol 35) u li ghalhekk ghamel xahrejn b'zewg karozzi (fol 36).

Robert Gauci (fol 38) kkonferma l-istima dok SG1 – xhed li spare parts jammontaw ghal Lm204.24, labour jammonta ghal Lm270.25, b'kollox Lm474.51. Jirrizulta pero -a fol 46 – l-istima tidher li hija ta' Lm376.76, waqt li a fol 48/49 stima u ricevuta qeghda Lm204.26.

A fol 62 fuq mistoqsija tal-Qorti kif assuma li l-hsarat saru mill-imputat Gambin xehed:
"Jiena fil-fatt fix-xhieda tieghi ghidt din "the only explanation I have is il-karozzi kienu ma xulxin, jiena ghaddejt min quddiem, dhalt fil-karozza u x'hin tlaqt, smajt tfaqqieghha ta' xi haga li kienet maqsuma. <u>Imbaghad rajtu jidhol fil-karozza u jsuq warajja."</u>

A fol 63 jghid "Meta soqt kien hemm tfaqqiha u rajtu mil-mera kellu l-moulding tal-karozza f'idejh."

Mistoqsi jekk qatt sabx vendikazzjonijiet, Gambin qal li ftit gimghat wara l-incident sab it-tyres tal-car mcarrta.
Imhallef JR Micallef fol 68 xhed illi dik il-gurnata kien hiereg mid-dar ghal Qorti u gie fuqu Dr Gambin (li kien cempel l-ufficcju xi granet qabel) deher agitat u indikalu vettura ohra li kienet waqfet fuq il-parti l-ohra tat-triq u qallu li urih il-persuna li kienet habtet mal-car tieghu  u li kienet qed issegwih. Xehed li malli hares l-car l-ohra saqet. Ma gharafx il-persuna pero jghid li l-car kienet tip four by four.

L-Imhallef Micallef xhed li hu ma rax xi hsarat fuq il-car ta’ Gambin u li hu ssuggerixxa lil Gambin jaghmel rapport l-Ghassa. Qal li Gambin kien qallu li kellu hsarat fuq il-parti ta’ wara tal-karozza. Ghalkemm ma semma ebda isem, Gambin kien qallu li kien hu il-mara tieghu, li kien iqeghed fil-car li segwitu.

L-imputat O’Flaherty min-naha l-ohra (xhieda a fol 73-84) jghid illi r-rapport li sar min Gambin kien rapport falz ghaliex kien hu (l-imputat) li sofra danni.

Jghid li kien mar jfittex lil Gambin (mizzewweg ma ohtu), pparkja il-car wara l-car ta’ Gambin – “bejn il-cars kie hemm  miserjament 3 metres.”. Kif hareg l-imputat mill-car Gambin hareg mid-dar u ltqaghu ma gemb il-car tal-imputat. Bdew jargumentaw, Gambin dahal fil-car tieghu u beda jaghmillu gesti oxxeni b’subghajh. L-imputat hass ruhu urtat u beda jhabbat fuq is-saqaf tal-car ta’ Gambin u jghidlu biex johrog halli jitkellmu. Gambin startja l-car, rriversja, habat fil-car ta’ O’Flaherty u saq b’kemm jiflah. Hsara visibbli  stante li l-car hija Pajero ma rahx.

L-imputat xehed li huwa dahal fil-car tieghu u fil-pront ra lil Gambin jkellem lil Imhallef Micallef. Hemmhekk l-imputat nduna li ma kienx hemm skop li jsegwi lil Gambin.

L-imputat esebixxa stima ta’ Lm140. Xehed illi dawn d-dettalji kien tahhom lis-Surgent tal-Ghassa.

L-imputat jinnegal li ghamel xi hsara fuq il-car ta’ Gambin. L-imputat xehed li huwa kien ghadu kemm hareg Pajero gdida, li ghandha certu valur, waqt li Gambin kien jsuq karozza maqbuda mill-Qorti – li ma kenitx imhallsa.

Xehed li hu kien mar jkellem lil Gambin ghaliex il-gurnata ta’ qabel kien stad lill-ohtu u ta’ xebgha, serqilha l-flus, hadilha c-cwievet tal-karozza.

Ikkunsidrat:-

Illid in il-kawza tippernja biss fuq kredibilita tax-xhieda f’din il-kawza.

Illi skond l-Art 637 tal-kap 9 jinghad:

L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633, u 636, jolqtu biss il-kredibilita tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-deskrizzjoni ta’ min ghandu jiggudika l-fatti, illi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi mix-xhieda li din il-Qorti ezaminat fid-dettal johrog evidenti illi l-kwerelant Gambin ta’ tlett versjonijiet u dawn t-tlieta huma differenti sostanzjalment.

Illi in fatti a tempo vergine l-kwerelant fir-rakkont tieghu lill-pulizija (ara l-okkorrenza esebita), qal sahansitra illi l-imputat kien rega dahal fih bil-Pajero tieghu ghat-tieni darba waqt li kien fil-presenza ta’ Dr Micallef. Dan gie kategorikament michud min imhallef Micallef li qal biss li ra l-four by four indikata mill-kwerleant, liema karozza saqet il-fuq kif raha.

Illi din it-tieni habta l-kwerelant imkien ma semmiha fiz-zewg xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,

Illi din mhiex l-uniku inkonsistenza. Fir- rakkonti tieghu, Gambin l-ewwel jilmenta minn daqqa ta sieq wahda fuq il car tieghu imbaghad din titkattar ghal tnejn ( ara is-sottolinear  aktar il-fuq). Hekk per ezempju hemm ix-xhieda dwar l-istima u l-hsarat fuq il-car tal-kwerelant. Illi l-aqwa inkonsistenza hija dik il-klassika fejn Gambin waqt li jsostni li l-kwerelant dahal fuqu bil-Pajero, f'nifs jghid li kien barra mill- Pajero bil-mera f'idu. ( ara s-sottolinear aktar il- fuq.)
Ghal regward ta xhieda inverosimili hemm ix-xhieda ta' Gambin dwar kif kien jaf li l-car ma kelliex daqqiet qabel l-allegat incident fejn Gambin jghid li kien hareg ftit minuti qabel biex jghabbi xi haga. Dan hu michud mill-imputat li kien qed jistennieh barra – pparkjat wara il-car tieghu. Inverosimiljanza tas-sitwazzjoni hija lampanti u kieku gara hekk l-incdent li, sehh kien jsehh f'dak il-mument.

Illi in oltre l-hsarat imwettqa mhumiex kompatibbli ma kif grat il-habta.
L-imputat ghandu Pajero kbira – karozza tqila u b'sahhitha; Illi f'xenarju impingi mill-kwerelanti, il-Pajero kienet tisfronda nofs il-car tal-kwerelant u mhux tikkawza Lm200 hsara.

Illi din il-Qorti imbaghad kellha l-opportunita tevalwa ix-xhieda tal-imputat u l-mod serju li bih xehed u hi tal-fehma illi dik il-versjoni mhiex biss kredibbli izda hija xhieda li "ghandha mis-sewwa", ai termini tal-Artikolu 637 tal-kap 9.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.